# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 350.06

## KODIĊI GĦALL-INVESTIGAZZJONI U GĦAD-DETERMINAZZJONI TA’ ILMENTI

1 ta’ Settembru, 2000

*L-AVVIŻ LEGALI 161 tal-2000, kif emendat bl-Avviżi Legali 3 u 251 tal-2001, 83 tal-2005 u 426 tal-2012.*

**1.** It-titolu ta’ dan il-kodiċi hu l-Kodiċi għall-Investigazzjoni u għad-Determinazzjoni ta’ Ilmenti. Titolu.

**2.** (1) Għall-fini ta’ dan il-Kodiċi: Tifsir.

"l-Att" tfisser l-Att dwar ix-Xandir; Kap. 350.

"Awtorità" tfisser l-Awtorità tax-Xandir imwaqqfa skond l-artikolu 118 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta;

"*Chief Executive*" tfisser iċ-*Chief Executive* ta’ l-Awtorità , jew kull uffiċjal jew impjegat ieħor ta’ l-istess Awtorità, iżda ma tinkludix lis-Segretarju;

"Kodiċi" tfisser il-Kodiċi għall-Investigazzjoni u għad-Determinazzjoni ta’ Ilmenti;

"persuna li tagħmel ilment" tfisser terza persuna milquta li titlob lill-Awtorità biex din tara li xandar jikkonforma mad-disposizzjonijiet ta’ l-Att;

"Segretarju" tfisser is-Segretarju ta’ l-Awtorità jew kull uffiċjal jew impjegat ieħor ta’ l-Awtorità, iżda ma tinkludix iċ-*Chief Executive*.

(2) Kliem u frażijiet użati f’dan il-Kodiċi għandhom jingħataw l-istess tifsir mogħti lilhom fl-Att.

**3.** (1) Kull ilment għandu jsir bil-miktub mill-aktar fis possibbli mill-persuna li tagħmel ilment u għandu jkun indirizzat lix-xandar involut. L-ilmenti għandhom jiġu indirizzati lix-xandar.

(2) Għandha tintbagħat kopja ta’ dak l-ilment lill-Awtorità.

**4.** L-ilmenti għandhom jiġu mistħarrġa u jingħataw tweġibiet lill-persuna li tagħmel ilment fi żmien tliet ijiem minn meta jirċievi l-ilment. Żmien li fih xandar għandu jirrispondi.

**5.** Jekk ix-xandar jikkonsidra l-ilment ġustifikat fit-totalità tiegħu jew f’parti minnu, dan ta’ l-aħħar għandu jieħu l-passi meħtieġa, filwaqt li javża b’dan bil-miktub lill-Awtorità u lill-persuna li tagħmel ilment dwar l-azzjoni li tkun ittieħdet. Meta xandar jilqa’ l-ilment.

**6.** Jekk l-ilment ma jiġix milqugħ, ix-xandar għandu - Meta xandar ma jilqax l-ilment.

(*a*) jinforma b’dan lill-persuna li tagħmel ilment;

(*b*) jinforma lill-persuna li tagħmel ilment bid-dritt tagħha li tirreferi l-kwistjoni lill-Awtorità biex din tirrevedi d-deċiżjoni tax-xandar skond dan il-Kodiċi; u

(*ċ*) jinforma lill-Awtorità bid-deċiżjoni li jkun ha u jipprovdilha kopja ta’ kull korrispondenza rilevanti.

Il-persuna li tagħmel ilment tista' titlob lill-Awtorità tisma' l-ilment.
*Sostitwit: A.L. 83 tal-2005.*

**7.** (1) Jekk il-persuna li tagħmel ilment ma tkunx sodisfatta bir-risposta tax-xandar jew bir-rimedju li jiġi mogħti, hija tista' titlob lill-Awtorità biex din tisma' u tiddeċiedi l-ilment.

(2) Il-persuna li tagħmel l-ilment tista' tressaq l-ilment tagħha quddiem l-Awtorità:

(*a*) fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tirċievi r-risposta tax-xandar jew minn meta tingħata r-rimedju għal dak l-ilment; jew

(*b*) fi żmien tmintax-il ġurnata minn meta dik il-persuna tkun għamlet l-ilment tagħha max-xandar jekk ix-xandar ma jweġibx jew ma jipprovdix rimedju adegwat għal dak l-ilment.

(3) Jekk il-persuna li tkun ressqet l-ilment ma titlobx lill-Awtorità sabiex tiffissa data għas-smigħ ta' l-ilment tagħha skond is-subartikolu (1), l-Awtorità għandha tiddikjara li dik il-persuna ma jkunx fadlilha aktar interess fih u ttemm milli tkompli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

Sottomissjonijiet bil-fomm.
*Emendat: A.L. 251 tal-2001.*

**8.** (1) L-Awtorità għandha tappunta l-ilment għas-smigħ u kemm il-persuna li tressaq ilment u x-xandar involut għandhom jintalbu li jattendu għas-seduta pubblika biex jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-fomm lill-Awtorità.

(2) Il-partijiet għandhom jipproduċu l-provi tagħhom waqt dik is-seduta u l-Awtorità m'għandhiex tagħti differimenti kemm-il darba ma jkunx hemm ċirkostanzi eċċezzjonali hekk kif l-Awtorità tista' tqis xierqa.

L-Awtorità għandha tiddeċiedi l-ilment.

**9.** Wara li l-partijiet ikunu għalqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-fomm, huma jintalbu li jirtiraw mis-seduta u l-Awtorità għandha tiddeċiedi l-ilment.

L-Awtorità għandha tikkomunika d-deċiżjoni lill-partijiet involuti.

**10.** Wara li tkun stħarrġet l-ilmenti li jinġiebu quddiemha skond dan il-Kodiċi, l-Awtorità għandha tikkomunika d-deċizjoni lill-partijiet partijiet involuti.

Is-Segtetarju għandu jikkomunika d-deċiżjoni ta' l-Awtorità.

**11.** Is-Segretarju ta' l-Awtorità għandu jinforma bil-miktub liż-żewġ partijiet bid-deċiżjoni ta' l-Awtorità.

Nuqqas ta' attendenza mhux ġustifikat għas-seduta ta' l-Awtorità.

**12.** Fejn xi parti, mingħajr raġuni valida, tonqos milli tattendi għas-seduta pubblika, għandha tiġi addottata l-proċedura li ġejja:

(*a*) jekk il-persuna li tagħmel ilment tonqos milli tattendi għas-seduta, l-ilment tagħha għandu jiġi miċħud mill-Awtorità;

(*b*) jekk ix-xandar involut jonqos milli jattendi għas-seduta, l-Awtorità għandha tisma' lill-persuna li tagħmel l-ilment u għandha tiddeċiedi l-ilment fin-nuqqas tax-xandar.

Smigħ xieraq u pubbliku.

**13.** L-Awtorità għandha tagħti smigħ xieraq u pubbliku liż-żewġ partijiet involuti. Hija għandha tagħti raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħha u għandha tagħmel id-deċiżjonijiet tagħha

pubbliċi.

**14.** Jekk ix-xandar involut ma jagħtix tweġiba fiż-żmien stipulat skond il-paragrafu 4, l-Awtorità għandha tipproċedi hi biex tiġġudika l-ilment u, jekk ikun hekk meħtieġ, tiddeċiedi dwar ir-rimedju li għandu jingħata.

Meta xandar jonqos li jirrispondi lil persuna li tagħmel ilment.

**15.** (1) L-Awtorità għandha twaħħal avviż fuq in-*notice board* tagħha ta' ilment pendenti mill-anqas tmienja u erbgħin siegħa qabel ma tibda s-seduta.

Tmexxija tas-seduti pubbliċi. *Emendat: A.L. 3 tal-2001; A.L. 426 tal-2012.*

(2) Il-membri tal-pubbliku li jattendu għal seduta pubblika għandhom jidentifikaw irwieħhom mas-Segretarju billi juruh dokument ta' identifikazzjoni legalment validu jew il-passaport tagħhom.

(3) Is-Segretarju għandu jgħarraf lil dawk il-membri tal-pubbliku bil-jiem u l-ħinijiet tas-seduti pubbliċi ta' l-Awtorità.

(4) Għall-fini ta' dan il-Kodiċi, seduta pubblika għandha tkun tinkludi wkoll il-possibilità li l-pubbliku jkun jista' jsegwi l-istħarriġ mill-Awtorità ta' ilment permezz ta' *closed circuit television*.

**16.** Iċ-*Chairman* ta' l-Awtorità għandu jżomm l-ordni waqt is-seduti ta' l-Awtorità u jista' wkoll jordna lil kull membru tal-pubbliku li jiddisturba l-andament tal-proċeduri li joħroġ 'il barra.

Ordni waqt is-seduta.

**17.** L-Awtorità tista' f'każijiet urġenti tiddispensa mid-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi hekk kif tista' tiddeċiedi.

Każijiet urġenti.